**16 ta' April, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

John Buttigieg

**Triq Sekondarja**

*F'din is-sentenza l-Qorti osservat li għall-finijiet tar-regolament 9 (4) ta' l-1993 dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ (A.L. 146/93) li jittratta dwar ġarr ta' armi tan-nar,* inter alia, *viċin ta' mogħdijiet fil-kampanja jew toroq sekondarji, il-kriterju fondamentali jekk "mogħdija" jew "triq sekondarja" tinkwadrax ruħha fl-ispirtu tad-definizzjoni tal-liġi hu l-<u>iskop prinċipali</u> ta' dik il-mogħdija jew triq sekondarja taqa' f'eċċezzjoni*

*kkontemplata fil-paragrafu tar-regolament imsemmi.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra John Buttigieg talli, nhar l-Erbgħa, 18 ta' Mejju, 1994 għall-ħabta ta' l-10.15 a.m. fl-inħawi magħrufa bħala Ta' Santu ġewwa l-Għarb, Għawdex, żamm jew ġarr arma tan-nar (senter Benelli serial numru M037503) fit-triq, liema arma kienet ikkargata jew kellha l-iskrataċ fil-magazine jew li kienet barra mill-għata tagħha u f'post fejn mhux permess li ssir il-kaċċa; l-Ewwel Qorti kienet mitluba li minbarra li tagħti l-piena stabbilita skond il-liġi tordna li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzja tiegħu tal-kaċċa għal perijodu ta' mhux anqas minn sena;

Rat is-sentena tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat-18 ta' Diċembru, 1996 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John Buttigieg ħati skond l-imputtazzjoni dedotta kontra tiegħu, ikkundannatu *multa ta' tliet mitt lira (Lm300)*, ordnat il-konfiska ta' l-oġġetti esebiti u skwalifikatu milli jkollu jew jikseb liċenzja, permess jew awtorità għall-kaċċa għal żmien sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi John Buttigieg, minnu ppreżentat fit-3 ta' Jannar, 1997, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew altrimenti r-riforma tagħha kwantu għall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant - dwar in-nullità tas-sentenza appellata - ġie irtirat *fl-udjenza tal-5 ta' Frar, 1998;*

L-aggravji l-oħra, ħlief dak dwar il-piena, huma ta' natura fattwali, u ċjoè jekk mill-provi jirriżultax o meno r-reat ikkontemplat fi-regolament 9 (4) tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ (A.L. 146/ 1993). Din id-disposizzjoni tipprovdi hekk:

"Ebda persuna ma għandha ġġorr arma tan-nar, sew jekk ikkargata jew mhix, li ma tkunx qiegħda fil-għata tagħha, jew *tispara xi arma oħra tan-nar, waqt li tkun anqas minn 200 metru* minn kwalunkwe belt jew raħal, jew f'postijiet oħra abitati, jew anqas minn 50 metru minn toroq mnejn jgħaddu vetturi bil-mutur, barra minn mogħdijiet fil-kampanja jew toroq sekondarji li jkunu l-aktar maħsuba biex jintlaħqu l-għelieqi";

L-appellant ma jikkontestax li hu kien għaddej bis-senter mikxuf u kkargat u jġorru fuq spallejh iżda jikkontendi li fejn kien hu seta' skond il-liġi jġorr dak is-senter b'dak il-mod. L-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, qalet hekk:

"Mill-aċċess, iżda, irriżulta li t-triq in kwistjoni hija fergħa minn fuq triq prinċipali, hija triq bħal kull triq oħra f'Għawdex fejn toroq sekondarji fil-maġġor parti tagħhom jagħtu għall-għelieqi u għalhekk ma tista' (tistax) din it-triq tkun ikklassifikata bħala "mogħdija" fl-ispirtu tad-definizzjoni ta' l-istess kelma skond l-artikolu 9 (4) ta' l-A.L. 146/93";

Fil-fehma ta' din il-Qorti il-kriterju fondamentali mhux jekk il-mogħdija fil-kampanja (*country lane*) jew it-triq sekondarja li tkun l-aktar maħsuba biex jintlaħqu l-għelieqi (*minor road ... intended mainly for access to fields*) tkunx tinsab Għawdex jew x'imkien ieħor f'dawn il-Gżejjer. Il-kriterju fondamentali hu l-iskop prinċipali ta' dik il-mogħdija fil-kampanja jew triq sekondarja. Jekk l-iskop prinċipali hu ta' aċċess għall-għelieqi u mhux għat-traffiku jew għall-passaġġ in

ġenerali, allura dik il-mogħdija jew triq sekondarja taqa' fl-eċċezzjoni kkontemplata fil-paragrafu (4) tar-regolamenti msemmi;

Mill-provi mismugħha ma jirriżultax li l-appellant kien qed iġorr l-arma f'distanza ta' anqas minn mitejn metru minn xi raħal, jew waqt li kien f'post abitat kif definit fir-regolament 2, hu twaqqaf aktar minn ħamsin metru l-bogħod minn triq prinċipali u filwaqt li hu kien fi triq sekondarja li fil-fehma ta' din il-Qorti ċertament hija prinċipalment intiża biex jintlaħqu l-għelieqi. Għalhekk l-appell jimmerita li jiġi akkolt;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.